

Dan id-dokument għe magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B**

► **M1** REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1184/2006

ta' l-24 ta' Lulju 2006

li japplika ċerti regoli ta' kompetizzjoni għall-produzzjoni ta' u kummerċ f'ċerti prodotti agrikoli ◀

(ĠU L 352M, 31.12.2008, p. 463)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► <b><u>M1</u></b>	Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007	L 299	1	16.11.2007
► <b><u>M2</u></b>	Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 361/2008 ta' l-14 ta' April 2008	L 121	1	7.5.2008
► <b><u>M3</u></b>	Regolament tal-kunsill (KE) Nru 491/2009 tal-25 ta' Mejju 2009	L 154	1	17.6.2009
► <b><u>M4</u></b>	Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013	L 354	1	28.12.2013

▼B▼M1**REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1184/2006****ta' l-24 ta' Lulju 2006****li japplika ċerti regoli ta' kompetizzjoni għall-produzzjoni ta' u kummerċ f'ċerti prodotti agrikoli**▼B

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikoli 36 u 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(1)</sup>,

Billi:

- (1) Il-kontenut tar-Regolament tal-Kunsill Nru 26 ta' l-4 ta' April 1962 li japplika ċerti regoli tal-kompetizzjoni għall-produzzjoni u għall-kummerċ ta' prodotti agrikoli <sup>(2)</sup> ġie emendat <sup>(3)</sup>. Għal aktar ċarezza u razzjonalità, l-imsemmi Regolament għandu jiġi kkodifikat.
- (2) Bis-saħħa ta' l-Artikolu 36 tat-Trattat waħda mill-kwistjonijiet li trid tiġi deċiża taħt il-politika agrikola komuni hi dwar jekk ir-regoli ta' kompetizzjoni mniżżlin fit-Trattat għandhomx jiġu applikati għall-produzzjoni u l-kummerċ ta' prodotti agrikoli. Għaldaqstant, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu ssupplimentati fid-dawl ta' l-iżviluppi f'dik il-politika.
- (3) Ir-regoli dwar il-kompetizzjoni relatati mal-ftehim, mad-deċizzjonijiet u mal-prattiċi msemmijin fl-Artikolu 81 tat-Trattat u ma' l-abbuż ta' pożizzjonijiet dominanti għandhom jiġu applikati għall-produzzjoni u l-kummerċ ta' prodotti agrikoli, sakemm l-applikazzjoni tagħhom ma tfixkilx il-funzjonament ta' organizzazzjonijiet nazzjonali ta' swieq agrikoli jew ma theddidx il-ksib ta' l-objettivi tal-politika agrikola komuni.
- (4) Għandha tingħata attenzjoni speċjali fil-każ ta' organizzazzjonijiet ta' bdiewa li għandhom l-objettiv partikolari ta' produzzjoni jew kummerċjalizzazzjoni konġunta ta' prodotti agrikoli jew l-użu ta' faċilitajiet konġunti, sakemm tali azzjoni konġunta ma teskludix l-kompetizzjoni jew thedded il-ksib ta' l-objettivi ta' l-Artikolu 33 tat-Trattat.
- (5) Sabiex jiġi evitat sew li jiġi kompromess l-iżvilupp ta' politika agrikola komuni u sew biex tiġi żgurata ċ-ċertezza fil-liġi u t-trattament mhux diskriminatorju ta' l-impriżi konċernati, il-Kummissjoni għandu jkollha kompetenza esklussiva, soġġetta għar-reviżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja, li tistabilixxi jekk il-kondizzjonijiet previsti fiż-żewġ premessi preċedenti rigward il-ftehim, id-deċizzjonijiet u l-prattiċi msemmija fl-Artikolu 81 tat-Trattat, humiex sodisfatti.

<sup>(1)</sup> Opinjoni tal-Parlament Ewropew tas-27 ta' April 2006 (għada mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

<sup>(2)</sup> ĠU 30, 20.4.1962, p. 993/62. Regolament kif emendat bir-Regolament Nru 49 (ĠU 53, 1.7.1962, p. 1571/62).

<sup>(3)</sup> Ara l-Anness I.

**▼B**

- (6) Sabiex jiġu implimentati, bħala parti mill-iżvilupp tal-politika agrikola komuni, ir-regoli dwar l-ghajjnuna għall-produzzjoni u l-kummerċ ta' prodotti agrikoli, il-Kummissjoni għandha tkun f'pożizzjoni li tfassal lista ta' l-ghajjnuna eżistenti, ġdida jew proposta, sabiex tagħmel osservazzjonijiet xierqa lill-Istati Membri u sabiex tipproponilhom miżuri xierqa,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

**▼M4***Artikolu 1*

Dan ir-Regolament jistipula r-regoli li jikkonċernaw l-applikabbiltà tal-Artikoli 101 sa 106 u ċerti dispożizzjonijiet tal-Artikolu 108(1) u (3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) fir-rigward tal-produzzjoni jew tal-kummerċ tal-prodotti elenkati fl-Anness I mat-TFUE bl-eċċezzjoni tal-prodotti koperti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 <sup>(1)</sup> u r-Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup>.

**▼M1***Artikolu 1a*

L-Artikoli 81 sa 86 tat-Trattat u d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tagħhom għandhom, suġġetti għall-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament, japplikaw għall-ftehim, deċiżjonijiet u prattika kollha msemmija fl-Artikoli 81(1) u 82 tat-Trattat li huma rigward il-produzzjoni ta' jew għall-kummerċ tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1.

**▼B***Artikolu 2***▼M1**

1. L-Artikolu 81(1) tat-Trattat ma għandux japplika għal dawk il-ftehim, deċiżjonijiet u prattika msemmija fl-Artikolu 1a ta' dan ir-Regolament li huma parti integrali minn organizzazzjoni tas-suq nazzjonali jew li huma meħtieġa għall-kisba ta' l-oġġettivi stabbiliti fl-Artikolu 33 tat-Trattat.

**▼B**

B'mod partikolari, dan m'għandux japplika għall-ftehim, deċiżjonijiet u prattiki tal-bdiewa, l-assoċjazzjonijiet tal-bdiewa, jew l-assoċjazzjonijiet ta' dawn l-assoċjazzjonijiet li jappartjenu lil Stat Membru wieħed u li jirrigwardaw il-produzzjoni jew il-bejgħ ta' prodotti agrikoli jew l-użu ta' ta' faċilitajiet konġunti għall-ħażna, it-trattament jew l-ipproċessar ta' prodotti agrikoli, u li skond dawn ma hemm l-ebda obbligu li jintalbu prezzijiet identiċi, għajr jekk il-Kummissjoni ssib li l-kompetizzjoni hija b'hekk eskluża jew li l-oġġettivi ta' l-Artikolu 33 tat-Trattat huma mhedda.

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat- 22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1).

<sup>(2)</sup> Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' 11 ta' Diċembru 2013 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2006 u (KE) Nru 1224/2009 u jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 1).

**▼B**

2. Wara li tikkonsulta lill-Istati Membri u tisma' lill-impriżi jew lill-assoċjazzjonijiet ta' l-impriżi kkonċernati u lil kull persuna fiżika jew ġuridika oħra li hi tqis xierqa, il-Kummissjoni għandu jkollha l-kompetenza esklussiva, soġġetta għar-reviżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja, li tistabbilixxi, permezz ta' deċiżjoni li għandha tiġi ppubblikata, liema ftehim, deċiżjonijiet jew prattiċi jissodisfaw il-kondizzjonijiet speċifikati fil-paragrafu 1.

Il-Kummissjoni għandha hekk tiddetermina fuq inizjattiva tagħha stess jew fuq talba ta' awtorità kompetenti ta' Stat Membru jew ta' impriża jew assoċjazzjoni ta' impriżi interessati.

3. Il-pubblikazzjoni għandha tiddikjara l-ismijiet tal-partijiet u l-kontenut prinċipali tad-deċiżjoni. Għandha tqis l-interess leġittimu ta' l-impriżi f'dik li hija l-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali tagħhom.

**▼M1***Artikolu 3*

L-Artikolu 88(1) u ta' l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 88(3) tat-Trattat għandhom japplikaw għall-ġhajnuniet mogħtija għall-produzzjoni ta', jew għall-kummerċ tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1.

**▼B***Artikolu 4*

Ir-Regolament Nru 26 għandu jitħassar.

Referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jinftiehem bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness II.

*Artikolu 5*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

**▼B**

*ANNEX I*

**Regolament imħassar flimkien ma' l-emenda tiegħu**

Regolament tal-Kunsill Nru 26	(ĠU 30, 20.4.1962, p. 993/62)
Regolament tal-Kunsill Nru 49	(ĠU 53, 1.7.1962, p. 1571/62) L-Artikolu 1(1)(g) biss



*ANNEX II*

**Tabella ta' korrelazzjoni**

Regolament Nru 26	Dan ir-Regolament
Artikolu 1	Artikolu 1
Artikolu 2(1)	Artikolu 2(1)
Artikolu 2(2)	Artikolu 2(2), l-ewwel subparagafu
Artikolu 2(3)	Artikolu 2(2), it-tieni subparagrafu
Artikolu 2(4)	Artikolu 2(3)
Artikolu 3	—
Artikolu 4	Artikolu 3
—	Artikolu 4
Artikolu 5	Artikolu 5
—	Anness I
—	Anness II